

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.7595 — TDR Capital/LeasePlan)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2015/C 301/09)

1. Fl-4 ta' Settembru 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża TDR Capital LLP ("TDR", ir-Renju Unit) takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku ta' LeasePlan Corporation NV ("LeasePlan", il-Pajjiżi l-Baxxi) permezz ta' xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:
 - għal TDR: TDR hija ditta ta' ekwità privata b'madwar EUR 5 000 miljun ta' impenji taħt il-ġestjoni. L-istrateġija tagħha hija li tinvesti f'varjetà ta' setturi — prinċipalment fir-Renju Unit –, inkluż il-bejgħ bl-imnut ta' karburanti tal-vetturi, gyms u klabbs tas-saħħa, ħasil ta' karożżi bil-conveyor, servizzi ta' proprjetà vakanti, kostruzzjoni modulari, pubs u ristoranti, ix-xiri ta' dejn, ir-ritorn loġistiku tal-pallets, trasport kostali u assigurazzjoni tal-ħajja,
 - għal LeasePlan: LeasePlan hija kumpanija bbażata fil-Pajjiżi l-Baxxi li tiġġestixxi flotta tal-karożżi u l-mobilità tax-xufiera, li bħalissa hija proprjetà indiretta ta' Volkswagen AG u Fleet Investments B.V. In-negozju prinċipali ta' LeasePlan huwa fis-settur tal-kiri tal-flotta tal-karożżi u s-servizzi ta' ġestjoni għall-karożżi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief (jiġifieri sa 3,5 tunnellati).
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+ 32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7595 — TDR Capital/LeasePlan, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.